- *SERVIZZ TELEFONIKU –*
- *PRESKRIZZJONI TA' HAMES (5) SNIN –*
- *ARTIKOLU 2156 (f) TAL-KAP 16 –*
- *INTERUZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI –*
- *AMMISSJONI U PAGAMENT AKKONT –*
- *ARTIKOLI 2133; 2134; 2135; 2136; 2128 – 2130 KAP 16 -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2002.**

**Kawza Numru: 19**
**Citaz. Numru: 1535/95/RCP.**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Salvina Bezzina u b'digriet tat-8 ta' Novembru 1999 kunjom il-konvenuta gie sostitwet ghal Spiteri.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process fejn is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi r-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz tat-telefon bejn il-partijiet hawn anness bhala Dok. "A", l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tmien mija u sitta u sebghin lira Maltija u hames centezmi (Lm1,876.05) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 319809;

Illi l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u t-telefon calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dokument "B";

Illi minkejja li giet interpellata thallas il-kont il-konvenuta baqghet inadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM1,876.05 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 319809 skond il-prospett esebit a Dokument "B", kollox kif intqal u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 515/95 JV datat 15 ta' Marzu 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 10 tal-process.

Rat li l-konvenuta giet biss debitament notifikata fit-12 ta' Jannar 2000 kif jirrizulta mir-riferta relattiva a tergo ta' fol. 46 tal-process fil-fond 23, Triq Hughes Hallett, Qui-si-sana, Sliema.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 48 tal-process fejn ecceppiet:-

(1) Illi l-ammont reklamat mill-korporazzjoni attrici sat-8 ta' Novembru 1994 huwa preskritt *ai termini* tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili.

(2) Illi sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, fil-meritu it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta a fol. 49 tal-process.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha esebiti mill-partijiet waqt il-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti inkluzi dawk datati 28 ta' Jannar 2000, 12 ta' Ottubru 2000, 7 ta' Dicembru 2000, 14 ta' Marzu 2001, 5 ta' Gunju 2001, u 10 ta' Ottubru 2001, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2002.

Rat x-xhieda kollha prodotta u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' Lm1,876.05 dovuta ghall-uzu tas-servizz tat-telefon u kera tal-istess in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 319809.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta lli dan is-servizz gie installat fil-fond imsemmi fuq applikazzjoni tal-istess konvenuta tal-15 ta' Frar 1990 (Dok. A - fol.11). Mill-prospett (Dok. B - fol. 12) dettaljat jirrizulta li l-ammont ikopri il-perjodu Settembru 1992 sa Dicembru

1994. Jirrizulta li l-konvenuta ghamlet zewg pagamenti akkont fit-8 ta' Lulju 1994 u fit-23 ta' Awissu 1994, b'dan li l-bilanc dovut huwa dak rikjest fic-citazzjoni attrici.

Illi bhala fatt li l-att tac-citazzjoni gie prezentat fit-18 ta' Ottubru 1995 u wasal ghand il-konvenuta permezz ta' notifika relattiva fit-12 ta' Jannar 2000, kif jirrizulta mir-riferta relattiva a tergo ta' fol. 46 tal-process, liema notifika saret fil-fond 23, Triq Hughes Hallett, Qiu-si-sana, Sliema.

Illi infatti l-konvenuta qed teceppixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fis-sentenza **"Maltacom p.l.c. vs Anna Micallef"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 2000) inghad li:-

*"Huwa ovvju li l-ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta huwa wiehed li jimporta l-ghoti tas-servizz kontra pagament, anke jekk il-pagament huwa kkalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utenti. Anke dak li jissejjah kera tal-apparat, ma huwiex pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat huwa mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mis-socjeta` attrici, liema servizz li*

*l-kontraenti ikkontrattaw dwaru, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat".*

*"Illi a bazi tal-premess is-sentenza fl-ismijiet **"John Scicluna nomine vs Robert Spiteri" (JSP. 5 ta' Novembru 1992)** ikkonkludiet illi "il-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja ir-relazzjoni giuridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, huwa wiehed ta' "ghoti ta' servizz" u mhux wiehed ta' "kiri ta' oggett mobbli". Ta' l-istess portata hija d-decizzjoni **"Post Master General et vs Michael James Falla" (P.A. 13 ta' Mejju 1980)".***

Illi ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin *ai termini* tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** kif jinstab stabbilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet **"Maltacom p.l.c. vs Charles Pool" (**P.A (FGC) 5 ta' Novembru 1999**); "Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli"** (P.A. (GV) 28 ta' April 1997)**; "Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson"** (P.A. 2 ta' Mejju 1997); **"Ivo Seychell vs Tarcisio Gatt"** (P.A. (N.A.) 17 ta' Gunju 1999).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan is-servizz gie installat fil-fond imsemmi fuq applikazzjoni tal-istess konvenuta tal-15 ta' Frar 1990 (Dok. A - fol.11). Mill-prospett (Dok. B - fol. 12) dettaljat jirrizulta li l-

ammont ikopri l-perjodu Settembru 1992 sa Dicembru 1994. Jirrizulta li l-konvenuta ghamlet zewg pagamenti akkont fit-8 ta' Lulju 1994 u fit-23 ta' Awissu 1994, b'dan li l-bilanc dovut huwa dak rikjest fic-citazzjoni attrici.

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenuta kkonfermat, ghalkemm b'certu esitazjoni li hija kienet iffirmat il-ftehim premess datat 15 ta' Frar 1990 meta hija kienet ghadha xebba, u li fil-fatt l-istess servizz gie installat fil-fond fejn kienet tabita, u li hija ammettiet li hija ghandha taghti l-istess ammont permezz ta' ittra datata 24 ta' Gunju 1994 esebita bhala Dok. "W" a fol. 60 tal-process, liema ittra tinsab ukoll iffirmata minnha, u li fl-ahharnett hija ghamlet zewg pagamenti akkont fit-8 ta' Lulju 1994 u fit-23 ta' Awissu 1994 skond l-istess prospett esebit a fol. 12 tal-process.

Illi dan ifisser li kien hemm ksur tal-preskrizzjoni kemm bl-ammissjoni tal-konvenuta permezz tal-ittra minnha indikata tal-24 ta' Gunju 1994 abbazi tal-**artikolu 2133 tal-Kap 16,** u kemm bil-pagamenti akkont tat-8 ta' Lulju 1994 u tat-23 ta' Awissu 1994 skond l-**artikolu 2134 tal-Kap 16.**

Illi huwa pero` maghruf li *ai termini* tal-**artikolu 2136 tal-Kap 16** *"meta l-preskrizzjoni tigi miksura, iz-zmien*

*li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghaliex wiehed jippreskrivi"* izda is-**subartikolu (2)** jipprovdi li:

*"(2) Izda, l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid".*

Illi applikabbli dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-presekrizzjoni regghet bdiet tiddekorri mit-23 ta' Awissu 1994, u baqghet hekk ghaddejja sad-data meta l-istess konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni attrici u cjoe' biss fit-12 ta' Jannar 2000, u ghalhekk iktar minn hames (5) snin wara l-ahhar pagament akkont tat-23 ta' Awissu 1994, u ma jidhirx li fil-frattemp l-istess preskrizzjoni giet b'xi mod interotta jew sospiza, lanqas b'att gudizzjarju *ai termini* tal-**artikoli 2128, 2129 u 2130 tal-Kap 16.**

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ghandha tigi milqugha, minhabba d-dekors ta' hames (5) snin hemm stipulat, u hawn ikkalkulat.

Illi dwar l-ilment li l-"*calls*" in ezami saru minn terza persuna, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, *di fronte* ghas-socjeta` attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet u baqghet dejjem mal-istess konvenuta, ghalkemm dan ma huwiex ser

ibiddel l-ezitu ta' din il-kawza, in vista tal-fatt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma prekritti *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Jannar 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Jannar 2002.**